# L-Artist Ġużeppi Briffa



L-Artist Ġużeppi Briffa huwa wieħed mil-artisti Maltin li għamel bosta xogħolijiet sbieħ għal numru ta' knejjes f'Malta u Għawdex.

Ġużeppi Briffa twieled nhar it-12 ta' Mejju 1901 f'Birkirkara. Meta kien għadu ta' età żgħira mar jitgħallem id-disinn għand l-artist Ġuże Duka fis-*St Elmo School*. Fl-1923 meta kellu biss 22 sena għamel il-Kwadru tal-Prepostu ta' Birkirkara ta' dak iż-żmien Dun Alfons Borg. Mar Ruma fis-sena 1925 fejn kellu borża ta' studju fir-*Regia Accademia di Belle Arte*. Lura f'Malta l-ewwel xogħol li għamel kienu żewġ xeni mill-ħajja ta' Santu Wistin għal Knisja ta' Santu Wistin fil-Belt Victoria Għawdex. Dawn huma l-Magħmudija ta' Santu Wistin minn Sant'Ambroġju u l-Komferma tal-Istatut tal-Ordni Agostinjan. Iż-żewġ kwadri jinsabu fil-kor tal-knisja.

Fl-1931 huwa iżżewweġ lil Rożina Muscat minn Birkirkara u kellhom sebat itfal. Miet nhar it-13 ta' Jannar 1987. Jidher li dan ix-xogħol li kien għamel għal Knisja ta' Santu Wistin fil-Belt Victoria ġibed l-attenzjoni tan-nies tar-raħal ta' Kerċem, u ma għaddiex wisq żmien biex l-artist ġie mqabbad jibda x-xogħol fil-knisja tar-raħal. Ix-xogħol bdieh fis-sena 1937 u lestieh fis-sena 1943.

Fil-Knisja Parrokkjali ta' Kerċem huwa għamel numru kbir ta' xogħolijiet sbieħ. Il-pittura tal-koppla, l-arzelli u s-saqaf tal-knisja. F'dawn ix-xogħolijiet mas-saqaf tal-knisja, l-artist pinġa numru ta' episodji mill-ħajja ta' San Girgor il-Kbir.

Meta lesta mill-Knisja Parrokkjali ta' Kerċem, l-artist Briffa baqa' għaddej b'xogħolijiet oħrajn fil-Gżira Għawdxija. Huwa pinġa żewġ kwadri laterali għal Knisja ta' Santa Luċija fil-limiti tal-Parroċċa ta' Kerċem fis-sena 1953, is-saqaf, il-koppla, l-pendenti u d-dawra tat-twieqi tal-Knisja tal-Qalb ta' Ġesù fin-Nadur bejn is-sena 1950 u s-sena 1966, u s-saqaf tal-kor, il-korsija u tlett arzelli tal-Knisja ta' Sant'Antnin f'Għajnsielem fis-sena 1958. Għal Bażilika tal-Madonna ta' Pinu fil-limiti tar-raħal tal-Għarb l-artist Ġużeppi Briffa ħa ħsieb jagħmel 12 il-Kwadru li servew ta' abbozzi għax-xogħol ta' mużajk li kien qiegħed isir għal din il-Knisja. Dawn l-abbozzi ġew irrestawrati dan l-aħħar u qegħdin fil-mużew tal-knisja.

Matul il-karriera tiegħu huwa ħadem numru kbir ta' kwadri u pinġa soqfa ta' knejjes. Huwa jibqa msemmi għax-xogħol li għamel fis-Santwarju tal-Madonna tal-Ħerba f'Birkirkara u l-Knisja Parrokkjali ta' San Leonardu f'Ħal-Kirkop fejn pinġa l-koppla flimkien mas-saqaf kollu taż-żewġ knejjes.

Dawn huma biss ftit mil-ħafna xogħolijiet li għamel l-Artist Ġużeppi Briffa matul il-karriera brillanti tiegħu. Bla diubju ta' xejn huwa jibqa' mfakkar għal xogħol eleganti mingħajr l-ebda esaġerazzjoni żejda b'kuluri sbieħ mnaqqxa bi ftit kuluri dehbi, b'espressjonijiet sereni fuq l-uċuħ tal-protagonisti fil-kwadri tiegħu.

**IL-FESTA T-TAJBA LILL KULĦADD.**

Mario Fenech